MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru. 1350/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 26 TA’ GUNJU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIA MICALLEF**

**KONTRA**

**DAVID SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Sammut ta' 45 sena, bin John u Josephine nee' Debattista, mwieled Sliema nhar fl-29 ta' Mejju 1962, u residenti fil-fond 27B , St. Francis Street, Sliema, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 344162(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

Fil- 5 ta' Awwissu 2007, ghal habta ta' 1.00hrs ta' fil-ghodu, gewwa Exiles Beach, Triq it- Torri, Sliema ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' El Bedr Yousra u dan ai termini ta' l- Artikolu 216 (1b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni kellhom intortament prova essenzjali nieqsa, dik tax-xiehda tal-allegati vittmi tal-aggressjoni mill-imputat, u dan ghar-raguni li dawn il-persuni lahqu siefru minn Malta wara li gara l-incident. Minkejja din il-mankanza, izda, il-Qorti rat li kien hemm bizzejjed provi kontra l-istess imputat biex tinstab htija fih ghall-akkadut.

Minn dawn il-provi rrisulta li l-imputat kien presenti fid-data u lok u hin indikati, u ghal xi raguni mhux maghrufa hu aggredixxa lil zewg persuni ta' nazzjonalita' barranija. Mill-istqarrija tieghu jidher li hu qabad injama u beda jxejjer biha, u laqat lill-vittma f'wiccha. Li kieku l-Qorti kellha a dispozizzjoni taghha x-xiehda ta' din il-persuna, jew almenu xi xhud okulari iehor, kien ikollha stampa aktar cara tal-incident, jekk xejn sabiex tifhem il-motiv wara din l-imgieba tieghu. Izda l-Qorti kellha biss l-istqarrija u xi provi ohra indizzjarji biex tasal ghall-konkluzjonijiet t' hawn taht.

Madankollu l-Qorti hadet impressjoni li l-imputat jista' jkollu xi diffikultajiet ta' konjizzjoni u ta' intendiment shih tal-gravita' u tal-kosegwenzi ta' ghemilu, izda dawn bl-ebda mod ma jistghu jiskuzaw din l-aggressjoni tieghu.

Ghar-rigward ta' finijiet ta' piena, il-Qorti tara li dan l-incident hu wiehed gravi hafna u seta' kellu konsegwenzi aktar serji. Biss, jibqa' l-fatt li l-Qorti m'ghandhiex il-kwadru shih tal-griehi sofferti mill-vitma u jekk dawn hallewx jew setghu hallew debbulizza permanenti fl-istess vittma. Barra minn hekk, il-Qorti tara li l-imputat jista' jkun ghandu diffikultajiet li gia' sar accenn ghalihom aktar 'il fuq, u ghalhekk m'ghandux ikun hemm piena li tirrestringi l-liberta' tal-persuna.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat David Sammut hati u ghal daqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum, ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------